# Bank tad-demm fuq ir-roti

Jirrappurtaha Martin Debattista

● Il-Ministru għas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, Dr. Michael Farrugia, sostna li iktar ma jkun hemm donaturi tad-demm, iktar il-Gvern ikun f'qagħda li jagħti servizz liċ-ċittadini. Iktar ma jsiru operazzjonijiet u servizzi ta' operazzjonijiet ġodda, iktar ikun hemm bżonn ta' demm.

Il-Ministru Farrugia qal dan waqt li rċieva ċ-ċwievet ta' vettura li se sservi ta' bank tad-demm fuq ir-roti mingħand Emanuel Peresso, Managing Director ta' Michele Peresso Ltd., li rebħet il-kuntratt biex iġġib il-vettura. Il-vettura fiha faċilitajiet moderni biex donaturi tad-demm jagħtu d-demm fih minflok ikollhom imorru f'xi bank tad-demm.

Il-ministru qal li din il-vettura se żżur diversi bliet u rħula Maltin u Għawdxin bil-koperazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa u l-Kunsilli Lokali sabiex ikun iktar faċli għad-donaturi li jagħtu d-demm.

Is-Sur Emanuel Peresso min-naħa tiegħu qal li din il-vettura hija ħolqa importanti oħra fil-katina twila ta' suċċessi għall-ġid ta' dawk li jeħtieġu attenzjoni medika speċjalizzata.

Sostna li l-gvern hu ragun kollu avvestabil-għaqal f'dan il-proġett uniku għas-saħħa tal-poplu hija ta' ħtieġa kbira għan-nazzjon. Temm jgħid li l-mira tal-kumpanija tiegħu hija li tkompli toffri apparat ta' kwalità tajba għal professjonijiet differenti fis-settur tas-saħħa, u dawn jinkludu wkoll prodotti għall-ħarsien tad-dar u tagħmir ta' għajnuna għall-anzjani u dawk b'xi diżabilità.

Il-bank tad-demm fuq ir-roti jiswa Lm100,000 u huwa twil 12-il metru. Jista' jilqa' fih sa l-40 persuna f'ħames sigħat u f'każ ta' diżastru jista' jservi għall-għoti tad-demm lil feruti. Huwa mgħammar bl-arja kkundizzjonata, kompjuters, radju, televiżjoni u video, u ġeneratur tad-dawl riserva. Bħala kumdità u faċilitajiet għad-donaturi hemm pultruni fejn jpoġġu bħala rwiexa waqt li jiġbdulhom id-demm, toilet żgħir, magna tax-xarbiet kesħin u magna tal-kafè u faċilitajiet oħra.



Il-bank tad-demm fuq ir-roti li l-bieraħ kien ippreżentat lill-Ministru Michael Farrugia